MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Talba Numru. 1836/2004

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Richard Paul Bernard**
**(ID-434093-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta` Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm328.56c illum ekwivalenti ghal Euro 765.33c rapprezentanti valur ta` hsara kawzati f'zewg arbli tad-dawl gewwa Triq Sant Andrija, San Giljan meta l-konvenut habat go fihom bil-vettura RIC 555 ghal liema ncident stradali l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma` l-odjern avviz kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut skond Kap. 104 u bl-imghax

legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 15 ta` Ottubru, 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici u dana peress illi afferma li l-incident in kwistjoni sehh unikament minnhabba tortijiet imputabbli lill-istess korporazzjoni attrici u fi kwalunkwe kaz d-danni reklamati kienu ezagerati.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensura tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Il-korporazzjoni attrici bdiet il-provi taghha billi pprezentat dokument tramite Karl Galea breakdown tad-danni subiti a fol. 14 tal-process. Si tratta ta` spejjez (nkluz labour u materjal) involuti  ghal pole gdid. Tali spiza tirreferi ghall-arblu wiehed u mhux tnejn.

Dwar l-incident per se, xehed PS 504 Silvio Ellul li spjega li meta mar fuq il-post in kwistjoni sab il-vettura tal-konvenut mahbuta mal-pole tad-dawl fuq in-naha l-ohra tat-triq. Huwa pprezenta u kkonferma r-rapport maghmul minnu dwar l-istess immarkat Dok SE1.

L-incident sehh gewwa Triq principali fejn il-Luxol Grounds ghal habta tat-tlieta ta` filghodu. Mal-konvenut kien hemm riekeb mieghu passiggier iehor. Huwa mportanti li jigi notat li dan l-ufficcjal tal-pulizija ikkonferma li minhabba xogholijiet li kienu qed isiru fit-triq, “il-poles ma baqghux ma` l-genb tat-triq izda gew ftit fin-nofs tat-triq u gew jinstabu fit-triq biex b’hekk wara dawn il-poles kien hemm bus stop u l-poles kienu qieghdin fil-“*flow of traffic”.* Ikompli jghid li huwa ma sab “l-ebda sinjali tat-traffiku li jindikaw lis-sewwieqa li dawn il-poles issa kienu jinstabu fil-*“flow of traffic”.* Kien jaf ukoll li ma` dawn il-poles ma kienx hemm dawl mixghul. Il-bdil ta` l-alignment tat-triq kien biss f’dan il-lok u dana sabiex jippermetti bus bay.

Jafferma wkoll pero` li nonostante tali bdil fl-alignment, dan b'ebda mod ma affettwa l-*flow of traffic* fis-sens li ma kienx qed iservi ta` ostakolu ghall-istess *flow of traffic*. Skond ir-rapport tal-pulizija, l-konvenut gie rappurtat li qal li kien ghaddej *at a low speed* fid-direzzjoni ta` San Giljan fi triq mudlama u f'daqqa wahda laqat xi haga u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-Passiggier Ellul Sullivan ighid l-istess haga pero` jispjega l-mument ta` l-impatt bhala *"all of a sudden we dashed onto something and ended up on the other side of the road*" cioe` diskrizzjoni li ma tantx tikkombacja mal-*"low speed*" suggerit mill-konvenut.

Mill-iskizz ezebit a fol. 19 tal-process it-Tribunal innota l-posizzjoni ta` l-arbli, il-linja tat-triq, il-bus bay il-gdida, il-wisgha taz-zewg karreggjati u kif ukoll kif u fejn spiccat il-vettura tal-konvenut. Jigi notat per ezempju li l-arbli tad-dawl fil-fatt kienu fil-genb tat-triq pero` hekk kif inholqot il-bus bay, l-istess arbli spiccaw fin-nofs bejn id-dahla ta` l-bus bay u l-linja originali tat-triq. Spjega sew ghalhekk l-ufficcjal tal-pulizija fejn stqarr li ghalkemm l-alignment per se kien inbidel pero` b'ebda mod ma jfisser li dawn kienu qed joholqu xi forma ta` ostakolu ghat-traffiku.

Jesmond Grech, foreman tal-Enemalta, stqarr li meta mar fuq il-post ta` l-incident ra l-vettura tal-konvenut mahbuta ma` zewg arbli tad-dawl cioe` wiehed antik u wiehed gdid li kien ser jissostitwixxi l-antik. Dawn kienu precizament faccata tal-Wembley petrol station. Il-hsara kemm fuq l-arbli u kif ukoll fuq il-vettura kienu ta` natura estensiva, fattur jikkummenta t-Tribunal li l-impatt kien wiehed frontali u qawwi. Huwa jsostni li l-arbli kienu ma` genb il-hajt u mhux fin-nofs tat-triq u difatti jikkonferma l-posizzjoni taghhom fuq l-iskizz a fol. 19 tal-process. Ighid ukoll li mill-hajt l-antik kien ghad fadal xi filata 'l fuq mill-livell tat-triq.

Il-Perit Gordon Zammit ta` l-ADT jispjega li l-linja tat-triq kienet tghaddi biswit boundary wall u li ma kienx hemm bankina u li mal-genb ta` l-istess hajt kienu jinstabu l-arbli in kwistjoni. Ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f'tqeghid ta` bankina fejn qabel kien hemm dan il-boundary wall u kwindi ttella hajt iehor l-gewwa mill-bankina. Illi ghalhekk jafferma li b'tali xogholijiet l-linja tat-triq mnejn ighaddi t-

traffiku qatt ma nbidlet. Ghalkemm dawn ix-xogholijiet kienu f'idejn l-ADT, dawn kienu ezegwiti minn kuntrattur privat wara hrug ta` tender. Ir-responsabbilita` ghas-sinjali tat-triq huma a karigu ta` l-istess kuntrattur. L-ADT kienet gia` talbet u anke hallset minn qabel lil Enemalta ghal shifting ta` l-arbli tad-dawl, sahansitra qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Sa fejn kien involut hu ma kien ircieva ebda ilment dwar il-posizzjoni ta` l-istess arbli.

Ix-xhud Nicky Pace prodott mill-konvenut jikkonferma li t-triq kienet mudlama u li l-vettura tal-konvenut spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kien hemm l-arbli u l-bus stop.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li t-triq kienet mudlama pero`` huwa kellu d-dwal tal-vettura mixghula. Ighid li kien qed isuq bi speed moderat. Hawn ta` min jikkummenta li fir-rapport tal-pulizija tnizzel li qal *"low speed".* F'hin minnhom hu u niezel lejn San Giljan, ra arblu tad-dawl il-barra mill-bankina fit-triq. Hu bbrejkja pero` xorta wahda habat mieghu. Jghid li ma kien hemm ebda road signs li jindikaw tali xogholijiet. In kontro-ezami il-konvenut jelabora fuq l-ispeed moderat billi jiddeskrivieh bhala 25 jew 35 km fis-siegha. Jikkonferma wkoll li l-vettura tieghu spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq thares lejn id-direzzjoni opposta cioe ` lejn Bahar ic-Caghaq meta huwa kien niezel lejn San Giljan. Il-mod fejn u kif spiccat il-vettura tal-konvenut u kif ukoll in-natura ta` hsarat fuq l-istess vettura u kif ukoll fuq l-arbli tad-dawl certament ma jindikax velocita` moderata u wisq anqas ma huwa ndikattiv ta` speed ta` 25 jew 35 km fis-siegha. Barra minnhekk il-konvenut stess jistqarr li l-arblu tad-dawl rah qabel l-impatt tant li applika l-brakes. Li ma jistax jispjega l-konvenut kien il-ghaliex ma rnexxilux jieqaf fil-hin jew ghaliex ma skapulax l-arbli. Tali fatturi fuq imsemmija huma sinifikattivi ferm u indikattivi ta` raguni wahda fondamentali cioe` speed eccessiv tal-konvenut u nuqqas ta` *proper look out.*

Illi ghalhekk meta wiehed jezamina d-dinamika ta` l-incident in kwistjoni fl-assjem tal-fatturi kollha migjuba quddiem dan it-Tribunal, ghandu jirrizulta minghajr ebda

dubbju li l-kawza prossima ta` l-incident kienet gejja unikament minhabba diversi nuqqasijiet imputabbli lill-istess konvenut fis-sewqan tieghu u dana ghar-ragunijiet gia` esposti hawn fuq. It-Tribunal isib li ma kien hemm ebda tibdil fil-karreggjata per se tat-traffiku u dana kif ben osservat minn diversi xhieda u kif ukoll mill-iskizzi ezebiti. Illi ghalkemm it-triq setghet kienet mudlama u ma kienx hemm sinjali tax-xogholijiet, dawn ma kienu nfluwenti xejn ghall-incident tant illi l-konvenut fil-fatt xorta wahda ra l-arbli u applika l-brakes tieghu pero` xorta wahda habat fihom b’mod vjolenti ferm tant illi z-zewg arbli gralhom hsara estensiva tant li ma kienux jissewwew, tant illi anke l-vettura ta` l-konvenut garbet hsarat kbar u tant ukoll illi l-vettura tal-konvenut spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq thares lejn id-direzzjoni opposta mnejn kienet gejja.

Illi dwar il-kwantum tal-hsarat rikjesti t-Tribunal isib li l-istima mressqa ghal arblu gdid hija ragjonevoli u jsib kredibbli wkoll il-fatt li l-arbli fuq is-sit ma setghux ikunu utilizzabbli minhabba l-impatt vjolenti li qalghu.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u kwindi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, konsegwentement jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni u allura jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lil Korporazzjoni attrici s-somma mitluba ta` €765.33c (sebgha mija u hamsa u sittin Euro, u tlieta u tletin centezmi), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------